MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru. 1346/2010

**Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Stephen Cilia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Stephen Cilia ta' 27 sena, mwieled fil-31 t'Ottubru, 1983 gewwa Pieta', iben Anthony u Caroline nee' Costa, residenti gewwa Bomblu, Triq Santa Marija, Had-Dingli u detentur tal-karta ta' l-identita' nru: 549183M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar is-16 ta' Dicembru, 2010 ghall-habta ta' bejn is-07:00 p.m. u l-11:00 p.m. gewwa dawn il-gzejjer bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati,

arresta, zamm jew issekwestra li Marisa Mallia kontra l-volonta' taghha;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' woofer u amplifier, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta hsara volontarja fuq il-vettura tal-ghamla Toyota, bin-numru tar-registrazzjoni GBE 402, liema hsara ma' teccedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), izda teccedi l-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) u li sehhet a detriment ta' Marisa Mallia;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Marisa Mallia bil-mewt;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Marisa Mallia sabiex jingurjaha, jdejjaqha jew jaghmillha hsara;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanz volontarjament ikkaguna lil Marisa Mallia feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Carmel Attard M.D. Reg No 5215 mic-Centru tas-Sahha ta' Floriana;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil Marisa Mallia biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod tali li ta fastidju lill-persun aohra u cioe' lil Marisa Mallia, b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi kliem insulenta lil Marisa Mallia;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Robert Borg bil-mewt;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal dagha u kliem oxxen fil-pubbliku;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares diversi kundizzjonijiet li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), ppresjeduta mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D., fid-digriet li gie moghti nhar it-23 ta' Frar, 2009 u li bih inghata l-helsien mill-arrest;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u b'hekk isir l-arrest mill-gdid ta' l-imputat;

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex is-somma ta' 6,200 Ewro, liema somma kienet bhala Garanzija Personali, fil-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), ppresjeduta mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D. fid-digriet li gie moghti nhar it-23 ta' Frar, 2009, jigi mghoddi lill-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 14 ta' Lulju, 2011 (esebita a fol. 219 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikolu 86 u 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) Fl-artikolu 261(a),(c),(f),(g), 262(1)(a), 267, 270, 271(g), 274(c), 275, 277(a), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(d) Fl-artikolu 339(1)(d),(e) u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(e) Fl-artikolu 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 202(h)(iv) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(f) Fl-artikolu 579(1),(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(g) Fl-artikolu 251(A) u 251(B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza tad-9 ta’ Marzu, 2012, l-imputat ddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci tal-kaz odjern huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-17 ta’ Dicembru, 2010 Marisa Mallia ghamlet rapport fl-Ghassa ta’ Hal-Qormi li l-gurnata ta’ qabel ghall-habta tas-7 :15 p.m. waqt li hija kienet qed issuq il-vettura taghha tal-marka Toyota u bin-numru tar-registrazzjoni GBE 402 fit-Triq il-Helsien, Hal-Qormi, nnutat li kien qed isegwiha l-imputat, li kien l-ex-boyfriend taghha u li minnu kellha zewgt itfal, u dan bil-vettura tieghu fejn huwa beda’ jissikaha u mbghad gie ma gembha u quddiemha sabiex imblukkaha b’tali mod li hija kellha tieqaf. Mallia li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-13 ta’ Jannar, 2011 qalet li l-imputat imbghad nizel mill-vettura tieghu, fetah il-bieba tal-vettura taghha, imbuttaha fuq il-‘passenger seat’ u dahal fid-‘driver’s seat’, huwa beda’ jghajjat u jidghi u jitkellem hazin u jaghti bil-ponn fuq l-isteering wheel u kisser bicca minnu. Marisa ssostni li l-imputat umbghad beda’ jigbdilha xagharha bi hdura, beda’ jigbidha l’isfel u taha daqqa ta’ ponn f’halqha. Hija tghid li huwa beda jghajjat sabiex hija terga’ tmur mieghu u hadilha c-cavetta tal-karozza taghha u mbghad hadha fil-vettura tieghu sabiex inehhiha minn nofs u hemmhekk hadilha l-mobile

phone, sab in-numru tal-boyfriend taghha Robert Borg u cempillu u wara li qallu min hu beda' jheddu u jghidlu li ser jisparalu, jahraqlu l-vettura u d-dar. Marisa Mallia tghid li l-imputat umbghad rega' hadha fil-vettura taghha u saq lejn il-garaxx fejn kien joqghod f'Had-Dingli u hemmhekk qala' l-woofer u l-amplifier u hadhom. Mallia qaltu li hija kellha tiltaqa' mal-kugina sabiex tmur tiehu kafe' tas-Sliema u l-imputat akkompanjaha u qalilha li darb'ohra kien ser jaghtiha tir b'senter. Hija kompliet tghid li meta marru jiltaqghu mal-kugina taghha hija kienet imbezza' hafna izda ma qaltilha xejn ghaliex l-imputat kien wissiha sabiex ma tghid xejn. Mallia qalet li l-imputat kien beda' jaghti fuq id-dashboard tal-vettura taghha u kkaguna hsara u wegga jdejh u fil-fatt il-kugina taghha staqsietu x'kellu f'subghajh u huwa rrisponda li kien wegga fuq ix-xoghol. Dejjem skond Mallia wara li damu jiehdu kafe' madwar siegha u nofs waslu lil kugina taghha l-Gzira u hija mbghad waslet lill-imputat fejn kien halla l-vettura tieghu u saqet lejn id-dar taghha f'Haz-Zebbug. Hija nnutat li l-imputat baqa' jsegwiha bil-vettura tieghu sad-dar taghha u kien ghal din ir-raguni li hija ma marritx taghmel rapport dak il-hin u marret l-ghada fil-ghodu. Hija qalet ukoll li meta waslet id-dar cemplet lil kugina taghha u qaltilha x'kien gara u qalet ukoll li l-ghada marret taghmel rapport fl-Ghassa ta' Haz-Zebbug u marret il-policlinic fejn giet certifikata li kellha griehi ta' natura hafifa (ara certifikat mediku nserit a fol 21 tal-atti processwali). Mallia qalet ukoll li l-imputat kien ilu ftit isegwiha billi jmur jistenniha barra l-iskola tas-Siggiewi fejn kienet tahdem.

Ikkunsidrat :

Illi l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Marisa Mallia giet korroborata f'dik il-parti fejn kienu nvoluti huma kemm minn Robert Borg, il-boyfriend ta' Mallia, li xehed waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2011, kif ukoll minn Kristal Scerri l-kugina ta' Mallia, li wkoll xehdet waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2011.

Ikkunsidrat :

Illi fis-17 ta' Dicembru, 2010 l-imputat irrilaxxja stqarrija (inserita a fol 14 tal-atti processwali) fejn huwa cahad li kien waqqaf lil Mallia bil-vettura, jew li kien geghlha tmur mieghu Had-Dingli, jew li kien sawwatha jew li cempel lil gharus taghha minn fuq il-mobile phone taghha jew li altrimenti kien serqilha l-woofer u l-amplifier mill-vettura taghha. Huwa qal li kien minnu li gieli mar jistenniha hdejn l-iskola tas-Siggiewi fejn kienet tahdem izda spjega li dan kien jaghmlu ghaliex kienet titolbu hi. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2012 fejn din id-darba huwa sostna li Marisa Mallia kienet marret id-dar tieghu f'Had-Dingli u bdiet tghidlu li certu Robert Borg kien qed isegwiha u kienet imbezza. Huwa jghid li hija qaltlu li kienet sejra tiltaqa' mal-kugina taghha tas-Sliema u meta huwa staqsiha jekk ririditux imur maghha, hija rrispondiet fl-affermattiv u huwa ghalhekk akkompanjaha tas-Sliema fejn iltaqghu mal-kugina taghha, damu jiehdu kafe' madwar siegha u nofs u mbghad hija regghet waslitu lura d-dar tieghu Had-Dingli. In kontro-ezami huwa cahad li kien ghamel l-affarijiet indikati minn Mallia meta hija xehdet f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat :

Illi wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li l-kwistjoni kollha tiirvolvi dwar il-kredibilita' u cioe' l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti dwar x'seta' gara dakinhar tas-16 ta' Dicembru, 2010, u cioe' l-verzjoni moghtija minn Marisa Mallia minn naha l-wahda u dik moghtija mill-imputat minn naha l-ohra. F'dan il-kaz il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' ta' Marisa Mallia anki ghaliex il-verzjoni tal-fatti minnha moghtija giet pjenament korroborata minn Robert Borg u minn Kristal Scerri kif ukoll mic-certifikat mediku esebit mill-Prosekuzzjoni u mill-istima tal-hsara kagunata fil-vettura taghha. Minn naha l-ohra l-Qorti setghet tinnota certu nkonsistenzi bejn dak li l-imputat qal fl-istqarrija ghal dak li qal meta xehed f'dawn il-proceduri fejn meta rrilaxxja l-istqarrija l-imputat naqas li jsemmi li Mallia kienet marret tfittxu d-dar tieghu mbezza' fejn qaltlu li Robert Borg kien qed isegwiha u jistenniha hdejn id-dar

taghha. Il-Qorti jidhrilha li li kieku xi haga bhal din kienet vera, l-imputat certament kien isemmiha a tempo vergine meta rrilaxxja l-istqarrija.

Ikkunsidrat :

Stabbilit li l-Qorti qed taghzel li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Marisa Mallia, l-Qorti jidhrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-lligi kwazi l-imputazzjonijiet kollha addebitati lill-imputat. Dwar l-ewwel (1) imputazzjoni jinghad li ma' hemmx dubju li ghal certu hin l-imputat zamm lil Mallia kontra l-volonta' taghha ghalhiex huwa geghla tieqaf bil-vettura taghha, dahal bil-forza fl-istess vettura u mbghad geghlha tmur mieghu d-dar tieghu f'Had-Dingli. Dwar it-tieni (2) imputazzjoni tas-serq tal-woofer u l-amplifier, jinghad li din ukoll tirrizulta pruvata izda mhux in kwantu jirrigwarda l-aggravju tal-valur (stante li ma ngabitx il-prova tal-valur tal-oggetti misruqa). In kwantu jirrigwada din l-imputazzjoni, l-imputat sejjer jinstab hati biss ghal serq aggravat bil-hin, bil-vjolenza u bix-xorta tal-haga misruqa. In kwantu jirrigwarda t-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8), l-ghaxar (10), il-hdax (11), u t-tnax (12) il-imputazzjoni, dawn ilkoll jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi mix-xhieda ta' Marisa Mallia, Robert Borg, Kristial Scerri, Dr. Carol Attard ( li xehdet waqt l-udjenza tal-25 ta' Marzu, 2011) u ta' Elvior Debattista, ir-rapprezentant ta' Michael Debono Limited ( li xehed waqt l-udjenza tal-25 ta' Marzu, 2011). It-tlettax (13)-il imputazzjoni fejn l-imputat qed jigi addebitat bil-ksur ta' kundizzjonijiet tal-bail ukoll tirrizulta pruvata kemm mid-dokumenti nseriti a fol 44 kif ukoll mix-xhieda tal-Ispettur Raymond Aquilina (li xehed waqt l-udjenza tal-25 ta' Novembru, 2011) u mid-dokument minnu esebit minn fejn jirrizulta li wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest imposta mill-Qorti permezz ta' digriet tal-20 ta' Frar, 2007 fejn fost kundizzjonijiet ohra giet imposta wkoll il-kundizzjoni li l-imputat ma' jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest. L-unika mputazzjoni li ma' tirrizultax pruvata hija d-disa' (9) imputazzjoni stante li minn imkien mix-xhieda ta' Marisa Mallia ma' jirrizulta li l-imputat insulentaha.

Ghal finijiet ta’ piena, l-Qorti kkunsidrat kemm il-gravita’ tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati, izda kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u ghalhekk jidhrilha li fic-cirkostanzi, piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-14 ta’ Lulju, 2011 u senjatament l-Artikoli 17, 86, 87, 261, 270, 271(g), 274(c), 275, 262, 277, 281, 325(1)(b), 339(1)(d)(3), 338(bb), 214, 221, 579(1) u (2), 251(A) u (B) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), t-tielet (3), ir-raba’ (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba’ (7), it-tmien (8), l-ghaxar (10), il-hdax (11), it-tnax (12) u t-tlettax (13)-il imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tad-disa’ (9) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnha.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni fejn il-persuni protetti huma Marisa Mallia u Robert Borg u dan ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum.

B’aplikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mtilub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ €413.63 liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------